4.7.2022

B9-0339/2022 }
B9-0340/2022 }
B9-0342/2022 }
B9-0344/2022 } RC1/Em. 9

**Emenda 9**
**Manon Aubry, Marc Botenga, Martin Schirdewan**
f'isem il-Grupp The Left

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**PPE, S&D, Renew, Verts/ALE**
Vetoes nazzjonali biex jiġi mminat il-ftehim globali dwar it-taxxa

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**Premessa Da (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***Da. billi xi studji indipendenti jistimaw li b'rata ta' 25 % u mingħajr konċessjonijiet tas-sustanza ekonomika, ikun possibbli li jinġabru EUR 234 biljun fil-livell tal-UE[1a];*** |
| | ***[1a] https://www.taxobservatory.eu/wp-content/uploads/2021/10/Note-2-November-2021-1.pdf*** |

Or. en

4.7.2022

B9-0339/2022 }
B9-0340/2022 }
B9-0342/2022 }
B9-0344/2022 } RC1/Em. 10

**Emenda 10**
**Manon Aubry, Marc Botenga, Martin Schirdewan**
f'isem il-Grupp The Left

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**PPE, S&D, Renew, Verts/ALE**
Vetoes nazzjonali biex jiġi mminat il-ftehim globali dwar it-taxxa

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**Premessa Ia (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Ia. billi mhix l-ewwel darba li minoranza żgħira ta' pajjiżi mblukkat riforma tal-ġustizzja fit-taxxa fi ħdan l-UE;*** |

Or. en

4.7.2022

B9-0339/2022 }
B9-0340/2022 }
B9-0342/2022 }
B9-0344/2022 } RC1/Em. 11

**Emenda 11**
**Manon Aubry, Martin Schirdewan**
f'isem il-Grupp The Left

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**PPE, S&D, Renew, Verts/ALE**
Vetoes nazzjonali biex jiġi mminat il-ftehim globali dwar it-taxxa

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**Paragrafu 16**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta* | *Emenda* |
|---|---|
| *16.* ***Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jirriflettu dwar miżuri potenzjali fuq terminu qasir biex jippermettu lill-UE tissodisfa l-impenji internazzjonali tagħha; jissuġġerixxi li jiddeterminaw jekk ikunx xieraq, bħala l-aħħar miżura, li jiġi implimentat il-ftehim globali dwar it-taxxa permezz tal-proċedura ta' kooperazzjoni msaħħa stabbilita fl-Artikolu 20 tat-TUE;*** jikkunsidra, f'każ li ma jkun jista' jintlaħaq l-ebda ftehim dwar alternattivi oħra għall-implimentazzjoni fil-livell tal-UE, li l-implimentazzjoni unilaterali tad-Direttiva tal-Pilastru II mill-Istati Membri kollha twassal għal riżultati aċċettabbli; | *16.* ***Jistieden lill-Istati Membri li jkunu qablu dwar l-aħħar test ta' kompromess fil-Kunsill biex jimplimentaw id-Direttiva tal-Pilastru II permezz ta' proċedura ta' "kooperazzjoni msaħħa", kif stabbilit fl-Artikolu 20 tat-TUE;*** jikkunsidra, f'każ li ma jkun jista' jintlaħaq l-ebda ftehim dwar alternattivi oħra għall-implimentazzjoni fil-livell tal-UE, li l-implimentazzjoni unilaterali tad-Direttiva tal-Pilastru II mill-Istati Membri kollha twassal għal riżultati aċċettabbli; |

Or. en

4.7.2022

B9-0339/2022 }
B9-0340/2022 }
B9-0342/2022 }
B9-0344/2022 } RC1/Em. 12

**Emenda 12**
**José Gusmão, Manon Aubry, Martin Schirdewan**
f'isem il-Grupp The Left

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**PPE, S&D, Renew, Verts/ALE**
Vetoes nazzjonali biex jiġi mminat il-ftehim globali dwar it-taxxa

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**Paragrafu 16**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta* | *Emenda* |
|---|---|
| 16. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jirriflettu dwar miżuri potenzjali fuq terminu qasir biex jippermettu lill-UE tissodisfa l-impenji internazzjonali tagħha; jissuġġerixxi li jiddeterminaw jekk ikunx xieraq, bħala l-aħħar miżura, li jiġi implimentat il-ftehim globali dwar it-taxxa permezz tal-proċedura ta' kooperazzjoni msaħħa stabbilita fl-Artikolu 20 tat-TUE; ***jikkunsidra, f'każ li ma jkun jista' jintlaħaq l-ebda ftehim dwar alternattivi oħra għall-implimentazzjoni fil-livell tal-UE, li l-implimentazzjoni unilaterali tad-Direttiva tal-Pilastru II mill-Istati Membri kollha twassal għal riżultati aċċettabbli;*** | 16. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jirriflettu dwar miżuri potenzjali fuq terminu qasir biex jippermettu lill-UE tissodisfa l-impenji internazzjonali tagħha; jissuġġerixxi li jiddeterminaw jekk ikunx xieraq, bħala l-aħħar miżura, li jiġi implimentat il-ftehim globali dwar it-taxxa permezz tal-proċedura ta' kooperazzjoni msaħħa stabbilita fl-Artikolu 20 tat-TUE; ***jappoġġa u jinkoraġġixxi l-implimentazzjoni unilaterali tad-Direttiva tal-Pilastru II fil-livell tal-Istati Membri mill-Istati Membri kollha;*** |

Or. en

4.7.2022

B9-0339/2022 }
B9-0339/2022 }
B9-0339/2022 }
B9-0339/2022 } RC1/Em. 13

**Emenda 13**
**Manon Aubry, Marc Botenga, Martin Schirdewan**
f'isem il-Grupp The Left

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**PPE, S&D, Renew, Verts/ALE**
Vetoes nazzjonali biex jiġi mminat il-ftehim globali dwar it-taxxa

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**Paragrafu 16**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta* | *Emenda* |
|---|---|
| 16. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jirriflettu dwar miżuri potenzjali fuq terminu qasir biex jippermettu lill-UE tissodisfa l-impenji internazzjonali tagħha; jissuġġerixxi li jiddeterminaw jekk ikunx xieraq, bħala l-aħħar miżura, li jiġi implimentat il-ftehim globali dwar it-taxxa permezz tal-proċedura ta' kooperazzjoni msaħħa stabbilita fl-Artikolu 20 tat-TUE; ***jikkunsidra, f'każ li ma jkun jista' jintlaħaq l-ebda ftehim dwar alternattivi oħra għall-implimentazzjoni fil-livell tal-UE, li l-implimentazzjoni unilaterali tad-Direttiva tal-Pilastru II mill-Istati Membri kollha twassal għal riżultati aċċettabbli;*** | 16. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jirriflettu dwar miżuri potenzjali fuq terminu qasir biex jippermettu lill-UE tissodisfa l-impenji internazzjonali tagħha; jissuġġerixxi li jiddeterminaw jekk ikunx xieraq, bħala l-aħħar miżura, li jiġi implimentat il-ftehim globali dwar it-taxxa permezz tal-proċedura ta' kooperazzjoni msaħħa stabbilita fl-Artikolu 20 tat-TUE; ***ifakkar li r-rata tat-taxxa ta' 15 % hija minimu assolut, u jistieden lill-Istati Membri jmorru oltre u jadottaw rata tat-taxxa ogħla biex jevitaw ġirja lejn l-iktar livell baxx f'dik li hi armonizzazzjoni tar-rati tat-taxxa ta' 15 %; jinnota li xejn ma tagħmel ħlief tgħin biex jintlaħaq ftehim multilaterali aktar ambizzjuż fil-futur;*** |

Or. en

4.7.2022

B9-0339/2022 }
B9-0340/2022 }
B9-0342/2022 }
B9-0344/2022 } RC1/Em. 14

**Emenda 14**
**José Gusmão, Manon Aubry, Martin Schirdewan**
f'isem il-Grupp The Left

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**PPE, S&D, Renew, Verts/ALE**
Vetoes nazzjonali biex jiġi mminat il-ftehim globali dwar it-taxxa

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**Paragrafu 16a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***16a. Jisħaq fuq il-leġittimità tal-adozzjoni, min-naħa tal-Istati Membri, tal-miżuri biex jiddefendu l-bażijiet tat-taxxa tagħhom, bħall-possibbiltà li l-kostijiet ma jitnaqqsux, il-miżuri ta' taxxa minn ras il-għajn, il-limitazzjoni tal-eżenzjoni mill-parteċipazzjoni u r-rekwiżiti speċjali f'dik li hi dokumentazzjoni, b'mod partikolari fir-rigward tal-prezzar ta' trasferiment;*** |

Or. en

4.7.2022

B9-0339/2022 }
B9-0340/2022 }
B9-0342/2022 }
B9-0344/2022 } RC1/Em. 15

**Emenda 15**
**Manon Aubry, Martin Schirdewan**
f'isem il-Grupp The Left

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**PPE, S&D, Renew, Verts/ALE**
Vetoes nazzjonali biex jiġi mminat il-ftehim globali dwar it-taxxa

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**Paragrafu 16a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***16a. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jużaw l-għodod l-oħra kollha disponibbli biex jgħinuhom jiġġieldu kontra l-evitar tat-taxxa, bħall-ġbir unilaterali tad-defiċit tat-taxxa tal-intrapriżi multinazzjonali, i.e. id-differenza bejn dak li korporazzjoni tħallas f'taxxi globalment u dak li dik il-korporazzjoni jkollha tħallas kieku l-profitti kollha tagħha kienu soġġetti għal rata tat-taxxa minima ta' 25 % f'kull wieħed mill-pajjiżi fejn topera;*** |

Or. en

4.7.2022

B9-0339/2022 }
B9-0340/2022 }
B9-0342/2022 }
B9-0344/2022 } RC1/Em. 16

**Emenda 16**
**José Gusmão, Manon Aubry, Martin Schirdewan**
f'isem il-Grupp The Left

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**PPE, S&D, Renew, Verts/ALE**
Vetoes nazzjonali biex jiġi mminat il-ftehim globali dwar it-taxxa

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**Paragrafu 16a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***16a. Jisħaq li xenarju simili jista' jiżvolġi meta jiġi implimentat il-Pilastru 1, b'possibbiltà ta' impass addizzjonali jekk l-Istati Uniti ma jimplimentawx att leġiżlattiv; jinnota li f'xenarju bħal dan, il-Konvenzjoni Multilaterali (MLC) li tirrikjedi li l-partijiet kollha jeliminaw gradwalment it-taxxi kollha fuq is-servizzi diġitali u miżuri simili rilevanti oħra fir-rigward tal-kumpaniji kollha, u li jimpenjaw ruħhom li ma jintroduċux tali miżuri qabel tmiem l-2023, m'għandhiex tibqa' applikabbli;*** |

Or. en

4.7.2022

B9-0339/2022 }
B9-0340/2022 }
B9-0342/2022 }
B9-0344/2022 } RC1/Em. 17

**Emenda 17**
**José Gusmão, Manon Aubry, Martin Schirdewan**
f'isem il-Grupp The Left

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**PPE, S&D, Renew, Verts/ALE**
Vetoes nazzjonali biex jiġi mminat il-ftehim globali dwar it-taxxa

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**Paragrafu 19**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta* | *Emenda* |
|---|---|
| 19. Jisħaq li, fit-tul, l-Istati Membri għandhom jikkunsidraw il-valur miżjud tat-tranżizzjoni għall-votazzjoni b'maġġoranza kwalifikata, kif irrakkomandat mill-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa; jistieden lill-Kummissjoni, f'dan ir-rigward, tniedi mill-ġdid id-diskussjoni dwar l-użu tal-votazzjoni b'maġġoranza kwalifikata f'xi kwistjonijiet tat-taxxa permezz ta' approċċ gradwali, bħala segwitu għall-komunikazzjoni tagħha tal-2019 dwar il-kwistjoni, u bħala tweġiba għall-eżitu tal-Konferenza dwar il-Ġejjieni tal-Ewropa; | 19. Jisħaq li, fit-tul, l-Istati Membri għandhom jikkunsidraw il-valur miżjud tat-tranżizzjoni għall-votazzjoni b'maġġoranza kwalifikata ***f'xi kwistjonijiet tat-taxxa***, kif irrakkomandat mill-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa; jistieden lill-Kummissjoni, f'dan ir-rigward, tniedi mill-ġdid id-diskussjoni dwar l-użu tal-votazzjoni b'maġġoranza kwalifikata f'xi kwistjonijiet tat-taxxa permezz ta' approċċ gradwali, bħala segwitu għall-komunikazzjoni tagħha tal-2019 dwar il-kwistjoni, u bħala tweġiba għall-eżitu tal-Konferenza dwar il-Ġejjieni tal-Ewropa; |

Or. en